MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 45/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Magro talli f'dawn il-Gzejjer gewwa l-lokalita` tan-Naxxar fl-1 ta' Marzu 2003:

(1) Ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, specifikament ghamel hsara fuq il-bieb ta' barra w il-faccata tar-residenza 20, Triq is-Salib limiti tan-Naxxar ghad-dannu ta' terzi, liema hsara teccedi l-hamsin liri Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt liri Maltin (Lm500);

(2) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Catherine Bugeja ID 628259M u residenti 20, Triq is-Salib, Naxxar, liema feriti huma ta' natura gravi per durata hekk kif iccertifika Dr. Lawrence Galea MD;

(3) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rita Formosa ID 426368M hekk kif iccertifika Dr. Michael Farrugia MD;

(4) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

(5) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha;

(6) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil Rita Formosa, Raymond Formosa, Josephine Bugeja, Catherine Bugeja, Jesmond Bugeja u Mario Bugeja ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(7) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Josephine Bugeja, Jesmond Bugeja, Mario Bugeja u Raymond Formosa.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, billi torbot lil Mario Magro b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Magro hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li qieset il-fedina penali tal-imputat (Dok. DT3), u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin mid-data tas-sentenza l-imsemmi Mario Magro jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija; sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu; u a tenur ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-istess Mario Magro b’obbligazzjoni personali ta’ mitt liri Maltin (Lm100) li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena mid-data tas-sentenza; u ordnat il-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok. DT9 (kanna tal-hadid) u tal-oggett esebit bhala Dok. DT10 (lembuba tal-injam); u finalment tat lill-imsemmi Mario Magro l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Mario Magro pprezentat fit-28 ta’ Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti sabiex in vista tal-premessi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu, tirrevoka is-sentenza appellata ghall-bqija fejn sabitu hati fl-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-hames, is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet, tilliberah mill-istess u b’hekk tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jistghu jigu riassunti hekk: (1) Fil-glieda in kwistjoni huwa ma kienx l-aggressur izda l-aggredit u kull ma ghamel kien li ddefenda ruhu; (2) Ma jirrizultax minghajr dubju dettat mir-raguni li Catherine Bugeja sofriet offiza ta' natura gravi; (3) Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument Catherine Bugeja sofriet tali offiza, m'hemmx in-nexus bejn kawza u effett, cioe` li kien l-appellant li kkaguna l-imsemmija offiza.

Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi li nstemghu mill-Ewwel Qorti u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u**

**jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija kif fuq indikat.

Evidentement l-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu salv it-tielet imputazzjoni.

Issa fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija maghmula fl-10 ta' Marzu 2003, l-appellant jghid li wara li kien qal lil Rita Formosa biex ma tiknisx ilma lejn ir-rampa tal-garaxx tad-dar tieghu u hi bdiet tghajjat u tikkustinja, hargu erba' membri ohra tal-familja Bugeja li daru ghalih u qala' diversi daqqiet fuq idu, wiccu u sidru. Huwa hareg hadida mill-garaxx tieghu biex jiddefendi ruhu u uzaha biex ibezzaghhom izda ma laqat lil hadd minnhom. Innega wkoll li mar ikisser il-bieb tal-familja Bugeja. Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Marzu 2004, qal li bil-hadida mbotta lil Mario u Jesmond Bugeja 'l barra mill-garaxx tieghu, li lin-nisa ma jidhirlux li mbuttahom u li jista' jkun li ta f'xi hin minnhom daqqa ta' lembuba fuq il-bieb u l-hgiega tal-bieb x'aktarx inkisret bid-daqqa ta' lembuba li ta. In kontro-ezami rega' kkonferma li l-hgiega kissirha hu u li ta xi daqqtejn jew tlieta bil-lembuba. Waqt il-glied ghajjat u jista' jkun li qal kliem pastaz izda ma daghax. Rigward Catherine Bugeja qal li hi hatfitu minn ghonqu u ghamlitlu l-offizi li jidhru fir-ritratt Dok. MMA2 izda dwar l-offizi li garrbet hi ma setax jghid min ghamilhomlha ghax

setghu laqtuha tal-familja taghha stess meta kienu l-hamsa fuqu.

Jigifieri minn dak li qal l-appellant biss insibu ammissjoni tieghu stess ta' l-ewwel, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni li tirrigwarda l-offiza li sofriet Catherine Bugeja, ix-xiehda ta' l-appellant hi, fl-ahjar ipotesi ghalih, newtrali peress illi jikkonkludi li ma setax jghid min seta' ghamlilha tali offiza. Izda mbaghad hemm ix-xiehda ta' Catherine Bugeja stess li tghid li laqatha l-appellant bil-kanna li kien qed jheddidhom biha u beda jxejjirha ghal wicc ohtha Rita Formosa; biex tevita li tintlaqat ohtha, harget idejha u l-appellant laqat lilha. Rita Formosa ukoll xehdet li l-appellant beda jxejjer b'kanna u kieku mhux ghal ohtha Catherine Bugeja kien jolqotha f'rasha. Minn din ix-xiehda johrog in-nexus bejn it-tixjir tal-kanna mill-appellant u l-offiza li sofriet Catherine Bugeja. Rigward in-natura ta' din l-offiza, fil-fehma ta' din il-Qorti hemm provi bizzejjed li juru li l-offiza kienet in effetti wahda gravi *per durata*: hemm ic-certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Lawrence Galea minnu kkonfermata fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2003; id-dikjarazzjoni ta' l-istess Tabib Galea li d-djanjosi tieghu kienet ibbazata ukoll fuq X-ray; u x-xiehda ta' Catherine Bugeja li qalet li sofriet ksur ta' subghajha l-kbir ta' idejha tax-xellug. Minn dan kollu m'hemmx dubju ghalhekk li l-Ewwel Qorti setghet legittimament u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati wkoll tat-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-hames u s-sitt imputazzjonijiet, hawn ukoll, mix-xiehda ta' Rita Formosa, Catherine Bugeja, Jesmond Bugeja u Anthony Formosa, l-Ewwel Qorti setghet legittimament u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati anke ta' dawk l-imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' tliet snin sospensjoni tas-sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija skond l-artikolu

28A tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri millum u l-perijodu ta' sena li ghalih gie marbut li jzomm il-bonordni skond l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali taht penali ta' mitt lira (Lm100) fin-nuqqas - minnu ga` ffirmata a fol. 127 - jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------